DECIZJONI NRU. 1561

KAZ NRU. 1781

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Gilbert Demicoli

u

Collis Williams Limited

dwar tkeccija mill-impieg

allegata li hi ngusta.

Data : 6 ta' Dicembru 2004

Chairman : Is-Sur George Borg Cardona

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Nota datata 10 ta' Lulju 2003 fir-Registru tal-Qorti Superjuri skond il-provvedimenti tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm sitt seduti.

Gilbert Demicoli, aktar il-quddiem jissejjah l-"appellant", kien assistit mill-Avukati George Abela u Lydia Zerafa waqt li Collis Williams Ltd., aktar il-quddiem tissejjah il-Kumpanija, kienet rapprezentata mill-Avukat Andrew Borg Cardona.

Fl-Istqarrija tal-Kaz l-appellant qal li gie mkecci ngustament ghaliex kien sofra korriment fuq il-post tax-xoghol b'negligenza tal-principal u ghaliex dan ma harisx ir-regolamenti dwar il-protezzjoni tas-sahha tal-haddiema.

Il-Kumpanija sostniet li l-impieg ta' l-appellant gie terminat ghaliex meta skada is-*sick leave* li kien intotolat ghalih kien ghadu inkapacitat li jattendi ghax-xoghol u fiz-zmien li sehhet it-terminazzjoni ma kien hemm ebda kwistjoni ta' inkapacita' kagunata b'korriment fuq ix-xoghol. Fil-fatt l-appellant qatt ma kien fuq *injury leave*.

Mix-xhieda u mid-dokumenti gew stabbiliti dawn il-fatti :

- l-appellant kellu incident xi snin qabel meta kien waqa' gholi ta' madwar sular u nofs.
- kien intalab jghin fil-garr ta' affarjiet minn sular ghal iehor fl-ufficji tal-Kumpanija.
- Il-Kumpanija kienet qabbdet kuntrattur biex igorr affarjiet minn sular ghal iehor u kien hemm *crane* fuq barra biex iggorr l-affarjiet it-tqal izda mpjegati kienu jghinu wkoll billi jgorru xi affarjiet.
- ma rrezultax li l-appellant qatt ilmenta mad-diretturi dwar il-garr jew dwar xi ugiegh kawza ta' dan il-garr. Saru jafu biss xhur wara minn ghand l-*istorekeeper* li l-appellant kien dahal l-isptar u se jaghmel operazzjoni.
- l-appellant qatt ma baghat certifikat ta' korriment izda biss ta' mard.
- fuq talba ta' l-appellant id-Dipartiment ta' Relazzjonijiet Industrijali u Mpieg kien ghamel talba lill-Kumpanija ghal hlas dovut fil-perijodu li kien marid u nforma lill-appellant li kien tard wisq biex jaghmel talba ghal hlas kawza ta' korriment.
- fl-14 ta' Mejju 2003 l-appellant iffirma rcevuta ghal Lm 300.222 *in full and final settlement* ta' dan il-hlas mill-Kumpanija fuq il-*claim* li kien ghamel permezz tad-Dipartiment ta' Relazzjonijiet Industrijali u Mpieg.
- Mix-xhieda ta'l-ispecjalista jirrezulta li :

  l-appellant kien qallu li f'Mejju 2002 kien refa' ghamara tqila u beda jugghu dahru ;

  qallu wkoll li fis-sena 1998 kien waqa' minn gholi ta' sular u nofs u beda jbati b'darhu izda sa nofs is-sena 2000 dan l-ugiegh kien ghaddielu ghal kollox ;

  kien possibli li dak li sofra l-appellant kien kawza ta' xi haga li grat ricenti ;

  jekk ikun hemm *disc* naqra mittiefes *through normal wear and tear* wiehed ikun suxxetibbli li ssirlu *slipped disc* kawza ta' rfieh;

  accident li jkun sehh xi snin qabel jista' jkun ta bidu ghall-process ta' *wear and tear;*

  ghalkemm minn dak li qallu l-appellant jista' jkun li rfieh kien il-kagun tas-*slipped disc* qatt ma tista' tkun zgur x'kien l-incident li wassal ghal din il-kundizzjoni jekk l-ugiegh ma jsehhx immedjatament u jinzel mill-ewwel ghal gos-sieq.

It-Tribunal ikkunsidra li :

1. ir-rapporti medici saru xhur wara li sehh l-allegat incident ;
2. ma giex stabbilit b'certezza li l-korriment kien kagun ta' rfieh li sar fuq il-post tax-xoghol ;
3. ma jistax jigi eskluz li kien hemm xi konnessjoni ma korriment li sofra l-appellant zmien qabel ma gie mpjegat mal-Kumpanija u anqas li seta gie kagunat b'xi azzjoni f'cirkostanzi li ma kellhomx konnessjoni max-xoghol tal-Kumpaqnija ;
4. l-appellant f'ebda zmien ma ghamel applikazzjoni ghal *injury leave* izda baghat biss certifikati ta' mard lill-Kumpanija ;
5. fiz-zmien li tterminat l-impieg ta' l-appellant l-Kumpanija agixxiet fuq bazi ta' certifikati ta' mard u wara li kien skadielu s-*sick leave* li kien legalment intitolat ghalih ;

It-Tribunal jasal ghal-konkluzjoni li l-Kumpanija agixxiet fit-termini tal-ligi ghaliex fiz-zmien relevanti kellha raguni sufficienti biex tittermina l-impieg. It-Tribunal jifhem li hemm proceduri fil-Qorti dwar korriment industrijali u/jew dizabbilta permanenti fejn it-talbiet ta' l-appellant jistghu jigu ezaminati rrespettivament mir-raguni ghat-terminazzjoni ta' l-impieg li hu kompitu ta' dan it-Tribunal.

Ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fiz-zmien stipulat fil-ligi minhabba nuqqasijiet amministrattivi u talbiet gustifikati ghal differimenti.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm 40 (erbghin lira Maltin).

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

George Borg Cardona
Chairman

Mary Rose Galea
A/Segretarja